MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1402/2005

**Schembri Concrete Blocks Limited
C-14123**

**Vs**

**David Paris**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlieta u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm93.50c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Ra li l-konvenut David Paris, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Ra n-Nota ta’ Cessjoni tas-sorte pprezentata fl-10 t’Ottubru, 2005 li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet is-sorte, stante pagament fil-mori tal-kawza, izda zammet ferm il-kapijiet ta’ l-imghax u ta’ l-ispejjez.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-10 t’Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli limitatament ghall-imghaxijiet u ghall-ispejjez u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-imghax u l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------